**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 181 / 2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Winston Lee Diacono**

**Illum, 5 ta' Settembru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Winston Lee Diacono detenur tal-karta tal-identita' Maltija 386695M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fit-23 ta' Frar 2017 ghall-habta tal-16.30 ta' fil-ghaxija fi Triq l-Imdina, Hal-Qormi talli:-

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ghamel offiza fuq il-persuna ta' George Zammit li ghalqet is-sittin sena liema offiza titqies bhala gravi;
2. Fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCG473 b'manjiera perikoluza u bla kont;
3. Fl-istess hin lok u cirkostanzi acceda il-limitu ta' velocita preskritt mill-ligi.

Rat li l-prosekuzzjoni tablet li f'kaz ta' htija l-appellant ghandu jigi skwalifikat mill-licenzji kolha tass-sewqan

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar it-2 ta' Mejju, 2023, fejn sabet lil Winston Lee Diacono mhux hati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih u lliberatu minn kull htija u piena fir-rigward ta' dik l-akkuza izda sabitu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u kkundanatu multa ta' elfejn euro (€2,000).

Ordnat ukoll li l-appellant jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal-perijodu ta' hmistax-il (15) jum u ordnat li jkun hemm tmin (8) punti rregisttrati fuq il-licenzji tieghu tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Winston Lee Diacono, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Mejju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar jew tibdel ai termini tal-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju 2023 kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena skont l-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Winston Lee Diacono li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**<u>L-Aggravji:</u>**

a. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jissottometti li huwa fl'ebda mod ma saq b'negligenza jew b'xi nuqqas. Kien ghaddej bi speed normali u ma eccediex b'xi mod ebda limitu. Terggha u tghid l-vettura kienet qedha tigi mcaqilqa minn post ghall-iehor u dan waqt li kienet debitament assigurata. Tant kien ghaddej tajjeb li ghal kuntrarju ta' dak li kkalkula ipotetikament l-perit tekniku l-esponenti gieb argumenti ta' fatt li minnhom wera bic-car li ma kienx hemm ksur tar-regolamenti. Hekk kienet ukoll d-direzzjoni tal-istess Qorti wara li l-esponenti talab sabiex jigu appuntati esperti ohra biex jikkalkulaw verament l-ispeed.

b. Illi fit-tieni lok huwa iktar car li numru ta' akkuzi huma debitament preskritti u kellhom hekk jigu dikjarati.

c. Illi fit-tielet lok minghajr pregudizzju ghas-suespost l-multa inflitta fuqu hija wahda qawwija ghax l-livell tal-culpa jekk kien hemm kienet verament baxxa.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2023.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi f'dan l-appell, l-appellant ressaq tlett aggravji wiehed fuq il-mertu l-iehor fuq il-preskrizzjoni u it-tielet wiehed fuq l-piena imposta. Stante li l-aggravju tal-preskrizzjoni jolqot l-esistenza tal-azzjoni jekk jintlaqa ikun gust li din il-Qorti tibda biex titratta din l-eccezzjoni.

Id-difiza ssollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni pero fl-ebda hin ma indikat l-artikolu tal-ligi relevanti minkejja li ma hix obbligata li taghmel dan fil-proceduri kriminali kuntrarjament ghal dak rikjest f'Qorti Civili.

Jinghad li l-ewwel akkuza u cioe' dik kif disposta fl-artikoku 226 ( 1) (a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha bhala piena f kaz ta' htija prigunerija ta' mhux izjed minn sena u ghalhekk skond l-artikolu 688 (e) il-perijodu preskrittiv huwa bl-eghluq ta'

sentejn. Fir-rigward tat-tieni akkuza naxxenti mill-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz ta' htija il-piena hija dik tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena. Fir-rigward tat-tielet akkuza u cioe6' dik kontravenzjonali naxxenti mir-regolament 127 tal LS 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz ta' htija l-piena hija dik ta' ammenda ghalhekk il-perjodu preskrittiv huwa dak trime stai kif dispost fl-artikolu 688 (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In primis jigi rilevat li l-allegat incident sehh nhar it-23 ta' Frar 2017 ghall-habta tal-16.30 p.m waqt li l-akkuzi odjerni gew iffirmati mill-ufficjal prosekutur nhar l-14 ta' Jannar, 20219. Illi fl-atti ma hemm l-ebda riferta esebita ta' meta l-appellant kien gie notifikat bl-akkuzi pero jirrizulta minn qari tal-atti li l-akkuzat deher il-Qorti ghas-seduta tal-4 ta' Marzu 2019 meta dakinhar l-Qorti kienet inominat perit legali sabiex jisma x-xhieda u jirredigi r-rapport. Jirrizulta ukoll mill-atti li dwar dan l-incident inzammet inkjesta magisterjali u kopja tal-istess tinsab esebita fl-atti. Jirrizulta minn qari tal-proces verbal li din l-inkjesta inghalqet nhar it-30 ta' Jannar 2019 u ntbaghtet lill-Avukat Generali dakinhar stess kif jidher mill-kopertura ta' l-istess dokument.

Illi jinghad li minkejja li fil-verbal tal-Qorti datat 25 ta Ottubru 2021 hemm imnizzel li deher il-perit legali u ipprezenta ir-rapport tieghu dan l-atti ma jinsabx esbit fl-atti tal-kawza. Pro tali dokument ma ghandux jaffetwa l-kwistjoni tal-preskrizzjoni imqajma mid-difiza u dan ghaliex in-nomina tal-perit legali ukoll saret wara l-gheluq tas-sentejn u cioe nhar l-4 ta Marzu 2019 u ghalhekk zgur li ma setax jissospendi l-preskrizzjoni.

Konsegwentement l-appellant ghandu ragun u l-azzjoni hija preskritta bi trapass ta' sentejn fir-rigwarrd ta' l-ewwl zewg akkuzi u bi trapass ta' tlett xhur fir-rigward tat-tielet akkuza kontravenzjonali.

Ghalhekk dan l-aggravju tal-preskrizzjoni qed jigi milqugh u konsegwentement l-appell qed ikun akkolt u ghalhekk qed thassar is-sentenza appellata u ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn kull akkuza. Tirrevoka ukoll is-sospensjoni moghtija mill-ewwel Qorti kif ukoll ukoll l imposizzjoni tat-tmien punti fuq il-licenzja.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera** **Maria Grech**

**Imhallef** **Deputat Registratur**